# AVE MARIA

*Ta'* Patri V. V. Barbara, O.P.

Riesaq il-lejl: wara l-għoljiet ħadrana
Niżlet ix-xemx titbissem bl-aħħar dija;
Minn fuq l-egħliequi nstama' jidwi l-leħen
"*Ave, Maria!*"

Qniepen, xi ħlewwa! Xħin bħal qlub li jħobbu
Ifaħħru 'l-Omm fis-skiet ta' fil-għaxija,
Jistiednu lill-ħolqien itenni magħhom:
"*Ave, Maria!*"

Ftit xjuħ f'misraħ il-knisja jaqtgħu kliemhom,
Jinxeħtu għarkobbtejhom bla mistħija,
Bil-ħerqa kollha jiżżu ħajr u jlissnu:
"*Ave, Maria!*"

Go darha l-omm tigbor l-ulied madwarha,
Minn fommhom lejn is-sema ferreħija
Titla' t-tislima wara jum ta' ħidma:
"*Ave, Maria!*"

Ave, Maria! Kbar u żgħar, Omm ħelwa,
Jintilfu fl-għaxqa ta' dil-poeżija,
Għax Inti trodd is-sliem lill-qalb li tgħanni:
"*Ave, Maria!*"